# Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Politika u l-Governanza tal-Internet

(2015/C 019/14)

| | |
|---|---|
| **Relatur** | Is-Sinjura Odeta Žerlauskienė (LT/ALDE), Membru tal-Kunsill Muniċipali tad-Distrett ta' Skuodas |
| **Dokument ta' referenza** | Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Politika u l-Governanza tal-Internet – Ir-rwol tal-Ewropa fid-definizzjoni tal-futur tal-Governanza tal-Internet<br>COM(2014) 72 final |

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jinnota li l-Internet bħala spazju globali tal-informazzjoni huwa parti inseparabbli mis-soċjetà tal-lum il-ġurnata u sar riżorsa pubblika; għalhekk, il-funzjonament tajjeb tiegħu huwa kwistjoni ta' interess pubbliku internazzjonali;

2. jilqa' l-impenji attwali biex tissaħħaħ il-governanza internazzjonali tal-Internet u b'mod partikolari l-passi tal-gvern tal-Istati Uniti, li qeda rwol ewlieni fil-ħolqien tal-Internet, għall-promozzjoni ta' tranżizzjoni lejn governanza globali u komprensiva tal-Internet;

3. jitlob lill-Unjoni Ewropea biex tipparteċipa b'mod attiv fil-proċess tal-ħolqien ta' governanza globali tal-Internet, sabiex l-eżempju tagħha fil-qasam tal-governanza tajba jiġi kkonsolidat u msaħħaħ; f'dan ir-rigward jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li toħroġ Komunikazzjoni dwar il-politika u l-governanza tal-Internet, biex jiġi ċċarat ir-rwol tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-politika globali dwar il-governanza tal-Internet kif ukoll l-għan tal-President tal-Kummissjoni, Jean-Claude Juncker, li jinħolqu suq diġitali uniku u aġenda diġitali unika;

**L-ASPETTI RELATATI MAL-VALURI TAL-POLITIKA FIL-QASAM TAL-GOVERNANZA TAL-INTERNET**

4. jenfasizza li l-iżvilupp tal-Internet bħala spazju teknoloġiku ta' interazzjoni u skambju ta' data bejn il-bnedmin ma jistax jitqies b'mod separat mill-valuri essenzjali għar-relazzjonijiet interpersonali u, għaldaqstant, ir-rwol tal-Unjoni Ewropea fil-politika dwar it-titjib tal-Internet ma jistax jiġi separat mill-valuri fundamentali tal-komunità;

5. għaldaqstant jenfasizza li l-approċċ Ewropew għall-futur tal-Internet għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji tal-libertà, it-trasparenza u n-newtralità;

6. jenfasizza l-importanza tal-Internet bħala mezz għaż-żamma u l-promozzjoni tad-diversità kulturali, li hija waħda mill-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([1]); għalhekk, ir-rwol tiegħu fil-politika fil-qasam tal-governanza tal-Internet għandu jkompli jirrifletti, iħares u jippromovi d-diversità kulturali u lingwistika;

7. jilqa' l-fehma tal-Kummissjoni Ewropea li l-proċessi li jinvolvu diversi partijiet interessati b'rabta mal-Internet għandhom ikunu konformi mad-drittijiet fundamentali u ma' dawn il-prinċipji: it-trasparenza (il-possibbiltà li jipparteċipaw il-partijiet interessati kollha), l-inklużjoni u l-bilanċ (l-obbligu li dawk responsabbli joffru kull possibbiltà ta' parteċipazzjoni lill-atturi interessati kollha) u l-kontabbiltà (l-obbligu li jingħata rendikont regolari dwar l-attivitajiet proprji lill-partijiet interessati kollha) ([2]);

([1]) Artikolu 3 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([2]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Politika u l-Governanza tal-Internet. Ir-rwol tal-Ewropa fid-definizzjoni tal-futur tal-Governanza tal-Internet; COM(2014) 72 final.

8. jirreferi għad-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar il-kwistjoni ta' jekk l-aċċess għall-Internet għandux jiġi rikonoxxut bħala dritt tal-bniedem, għad-deċiżjonijiet korrispondenti ta' diversi pajjiżi, inklużi xi Stati Membri tal-UE ([3]), u għall-fehmiet opposti li skonthom l-Internet huwa biss għodda teknika li tiffaċilita l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali ([4]); jirrakkomanda li l-użu tal-Internet jiġi dikjarat bħala dritt ċiviku inaljenabbli, u l-awtoritajiet nazzjonali, lokali u reġjonali jistgħu jgħinu biex jinfurzawh fi ħdan l-ambiti tagħhom;

9. ifakkar li l-linji gwida stabbiliti fl-Aġenda ta' Tunis għas-Soċjetà tal-Informazzjoni tal-2005 ([5]) dwar l-iżvilupp tal-Internet, fejn jiġi ddikjarat li l-gvernijiet, is-settur privat u s-soċjetà ċivili għandhom ikunu involuti fil-governanza tal-Internet (punt 34), bl-ebda mod m'għandhom jiġu mifhuma fis-sens strett, jiġifieri li jirreferu biss għall-gvernijiet nazzjonali, iżda għandu jiġi mifhum li dan għandu jinkludi wkoll lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, bħala l-livell ta' gvern li jinsab l-eqreb taċ-ċittadini kollha;

10. jinnota li 'l fuq minn 100 000 awtorità lokali u reġjonali li jirrappreżentaw il-livell ta' governanza sottonazzjonali fit-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea huma atturi importanti fil-qasam tal-politika tal-Internet, mhux biss għax joħolqu kontenut għall-Internet iżda wkoll għax jiżguraw li jittejjeb l-aċċess għalih; għal din ir-raġuni għandu jkollhom biżżejjed opportunitajiet biex jipparteċipaw direttament fil-livell nazzjonali kif ukoll dak Ewropew fid-definizzjoni ta' pożizzjoni Ewropea dwar il-politika fil-qasam tal-governanza tal-Internet;

11. jenfasizza li l-istrateġija politika tal-UE dwar il-governanza tal-Internet tista' tkun mezz effettiv biex fil-livell internazzjonali titpinġa stampa attraenti tal-Unjoni Ewropea u l-UE tiġi rappreżentata bħala attur ewlieni fit-tfassil tal-politika tal-Internet u fl-istabbiliment ta' standards għall-prattiki politiċi tajbin fil-livell dinji;

**APPROĊĊ KOMUNI GĦALL-GOVERNANZA TAL-Internet**

12. jinnota li ftit li xejn hemm differenzi fl-approċċi tal-livell internazzjonali fil-qasam tal-governanza tal-Internet (stabbiliti fl-Aġenda ta' Tunis, il-konklużjonijiet tal-Konferenza NETmundial ([6]), id-dikjarazzjoni tal-OECD u l-konklużjonijiet tas-Summit Dinji dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni (WSIS) ([7])) u dan jindika li hemm kunsens globali dwar il-kwistjoni tal-governanza tal-Internet;

13. jenfasizza r-rilevanza tal-approċċ stabbilit fl-Aġenda ta' Tunis dwar il-ġejjieni tal-Internet, li jista' jiġi sintesizzat permezz tal-akronimu COMPACT u li jiddikjara li l-Internet għandu jkun spazju ta' responsabbiltà ċivika (Civic responsibilities), riżorsa waħda mhux frammentata rregolata permezz ta' approċċ minn diversi partijiet interessati (One unfragmented resource governed via a Multi-stakeholder approach) għall-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem (to Promote democracy and human rights), ibbażat fuq arkitettura teknika soda (sound Architecture) li trawwem fiduċja u tiffaċilita governanza trasparenti (Transparent governance) kemm tal-infrastruttura bażika tal-Internet kif ukoll tas-servizzi bbażati fuqha; dan l-approċċ għandu jservi bħala linja gwida għad-definizzjoni tal-pożizzjoni Ewropea f'dan ir-rigward;

14. jilqa' l-impenn tal-gvern tal-Istati Uniti biex jirristruttura l-allokazzjoni tat-Top-Level-Domains (ccTLD) lil hinn mill-mudell ta' allokazzjoni unilaterali – ICANN (Korporazzjoni tal-Internet dwar l-Ismijiet u n-Numri Assenjati) u IANA (Awtorità tan-Numri Assenjati tal-Internet) – u lejn mudell ibbażat fuq sħubija dinjija; għaldaqstant jitlob li, b'konformità mal-konklużjonijiet tal-konferenza globali b'diversi partijiet interessati dwar il-ġejjieni tal-governanza tal-Internet ta' April 2014, jitlob li din l-inizjattiva tiġi implimentata bis-sħiħ;

15. japprova l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea li tiżviluppa l-Osservatorju Globali tal-Politika tal-Internet (Global Internet Policy Observatory, GIPO), li Jaġixxi bħala konnessjoni bejn il-partijiet interessati kollha u li għandu jsir għodda onlajn għall-iżvilupp u r-regolazzjoni tal-politika tal-Internet kif ukoll għall-koordinazzjoni ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi;

([3]) Pereżempju, fl-2009 il-Qorti Kostituzzjonali Franċiża rrikonoxxiet id-dritt għall-aċċess għall-Internet bħala dritt fundamentali. Ittieħdet deċiżjoni simili fil-livell kostituzzjonali fil-Greċja. Sentenzi jew stqarrijiet politiki oħra jinkludu fost l-oħrajn dawk li saru mill-Costa Rica, l-Estonja, il-Finlandja, Spanja u saħansitra fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti.

([4]) Pereżempju, din hija l-fehma ta' Vinton Cerf, wieħed mill-fundaturi tal-Internet: Vinton Cerf, "Internet Access Is Not a Human Right" (L-aċċess għall-Internet mhuwiex dritt tal-bniedem), http://www.nytimes.com/2012/01/05/opinion/internet-access-is-not-a-human-right.html

([5]) Aġenda ta' Tunis għas-Soċjetà tal-Informazzjoni http://itu.int/wsis/docs2/tunis/off/6rev1.html

([6]) Dikjarazzjoni tal-Konferenza NETmundial ta' diversi partijiet interessati tal-24 ta' April 2014, http://netmundial.br/wp-content/uploads/2014/04/NETmundial-Multistakeholder-Document.pdf

([7]) Ara Declaration of Principles. Building the Information Society: a global challenge in the new Millennium, http://www.itu.int/wsis/docs/geneva/official/dop.html

16. jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni, li skontu l-GIPO futur huwa riżorsa globali, fejn il-parteċipanti individwali jew il-partijiet interessati ma jistgħux jimponu r-rieda tagħhom fuq l-oħrajn u jħeġġeġ lill-partijiet interessati kollha, u b'mod partikolari lill-awtoritajiet loklai u reġjonali, biex jimpenjaw ruħhom fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni adatti sabiex jindirizzaw il-kwistjoni tal-governanza tal-Internet;

17. jenfasizza li fid-diskussjonijiet dwar il-ġejjieni tal-Internet il-prinċipju ewlieni tan-newtralità tan-netwerk m'għandux jintmiss, irrispettivament mill-valuri li jikkwotaw il-partijiet interessati;

18. jilqa' l-fatt li fil-Komunikazzjoni COM(2014) 72, il-Kummissjoni tħabbar li ser twettaq analiżi tar-riskji minħabba kunflitt fil-kompetenzi ġuridiċi u leġislazzjonijiet fil-qasam tal-Internet u li ser tiżviluppa mekkaniżmu ta' rispons tal-Unjoni;

**ASPETTI TEKNIĊI TAL-GOVERNANZA TAL-Internet**

19. jisħaq li jibqgħu jiġu applikati, anke fil-futur, l-istandards li huma stabbiliti mill-istruttura teknika attwali esperta abbażi tal-attivitajiet tal-grupp ta' ħidma internazzjonali "Internet Engineering Task Force";

20. jilqa' l-isforzi taċ-ċirkoli tekniċi għall-introduzzjoni ta' kunċetti għad-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet li jikkunsidraw il-kwistjonijiet topiċi attwali bħall-protezzjoni tal-privatezza fil-livell tal-protokoll, l-integrazzjoni ta' possibbiltajiet ta' ismijiet ta' dominji multilingwi u aċċess imtejjeb għall-persuni b'diżabbiltà; jilqa' wkoll il-progress li qed tagħmel l-UE hi u tinkludi dawn il-kisbiet fl-atti legali tagħha ([8]);

21. fid-dawl tal-fatt li l-pajjiżi għandhom interessi differenti u possibbiltajiet differenti biex jinfurzaw dawn l-interessi, jenfasizza l-isfidi li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea fin-negozjati dwar il-ġejjieni tal-governanza tal-Internet, u għalhekk jenfasizza li l-prinċipju tas-sussidjarjetà m'għandux jiġi injorat fin-negozjati dwar regoli komuni tal-UE għall-ġejjieni tal-Internet;

22. jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni bejn is-settur privat u dak pubbliku sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti u sigur tal-Internet, speċjalment meta jitqies li l-maġġoranza tan-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni huma operati b'mod privat u jirrakkomanda li l-kumpaniji ma jġarrbu l-ebda spiża addizzjonali minħabba din il-kooperazzjoni;

23. jenfasizza l-importanza tal-infrastruttura tan-netwerk, speċjalment in-netwerk tal-broadband, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-Internet, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jikkooperaw mal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jippromovu kopertura wiesgħa kemm jista' jkun tal-Internet, kemm mil-lat tal-kopertura territorjali kif ukoll mil-lat tad-disponibbiltà għas-sezzjonijiet kollha tal-popolazzjoni;

24. jindika l-importanza ta' sħubija vertikali komprensiva biex jiġu sfruttati l-possibbiltajiet li jinsabu previsti fid-dispożizzjonijiet attwali tal-FEŻR, speċifikament dawk marbuta mat-titjib tal-aċċess, l-użu u l-kwalità tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, permezz tal-estensjoni tal-broadband u n-netwerks ta' veloċità kbira u permezz ta' appoġġ għal teknoloġiji u netwerks emerġenti għall-ekonomija diġitali, u b'hekk jissaħħaħ il-potenzjal tar-reġjuni Ewropej u tal-Ewropa inġenerali;

25. huwa ferm kontra ċ-ċensura tal-Internet, irrispettivament mill-għan tagħha, iżda fl-istess ħin jinnota wkoll li sabiex l-Internet ma jsirx mezz li jippromovi attivitajiet estremi, radikali jew kriminali l-isforzi adatti għandhom jiġu kkoordinati, bil-għan li jiġu rispettati d-drittijiet tal-gruppi tal-popolazzjoni li huma partikolarment vulnerabbli;

**L-UŻU TAL-INTERNET GĦAT-TITJIB TAL-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA U T-TISĦIĦ TAD-DEMOKRAZIJA LOKALI**

26. jinnota li l-istituzzjonijiet pubbliċi, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, għandhom ikunu eżempji ta' politika ta' użu sigur u responsabbli tal-Internet, u bl-azzjonijiet prattiċi u l-eżempju tagħhom għandhom ikunu ta' inċentiv għal żvilupp teknoloġiku innovattiv, li jagħmel użu effiċjenti mir-riżorsi u b'impatt baxx fuq l-ambjent;

([8]) Ara r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2011 li twaqqaf Pjattaforma Ewropea ta' bosta Partijiet Interessati dwar l-Istandardizzazzjoni tal-ICT, 2011/C 349/04.

27. jinnota li l-istituzzjonijiet pubbliċi, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, jistgħu u għandhom ikunu l-pijunieri għall-iżvilupp ta' Internet sigur u jistabbilixxu standards għoljin dwar l-użu responsabbli tal-Internet, pereżempju billi tiġi żgurata l-protezzjoni kif dovuta tad-data personali kunfidenzjali (li tinkludi t-tħassir tad-data meta din ma tibqax tintuża għal għan partikolari), il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet adatti għall-prevenzjoni tagħha, inkluża l-protezzjoni adatta tas-sistemi tal-ICT;

28. jinnota l-possibbiltajiet tal-Internet bħala mezz biex jiġu provduti servizzi pubbliċi u jitlob lill-awtoritajiet tal-UE biex iħaffu r-rilokazzjoni tas-servizzi amministrattivi fl-ispazju diġitali; jitlob ukoll lill-Istati Membri biex jipprovdu l-bażi legali meħtieġa għal dan il-għan;

29. jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-UE biex mhux biss jagħmlu użu iżjed estensiv mill-possibbiltajiet tal-Internet biex itejbu ħidmithom u jagħmluha aktar trasparenti u eqreb iċ-ċittadini, iżda wkoll biex jipparteċipaw b'mod iżjed attiv fit-tfassil ta' pożizzjonijiet nazzjonali u Ewropej dwar il-ġejjieni tal-Internet;

30. f'dan ir-rigward, jenfasizza b'mod partikolari l-opportunitajiet li tipprovdi l-identifikazzjoni elettronika sigura biex iċ-ċittadini jibdlu d-data uffiċjali tagħhom u biex ir-reġjuni tal-Istati Membri tal-UE jintroduċu l-votazzjoni elettronika;

**L-AWTORITAJIET LOKALI U REĠJONALI U S-SIGURTÀ FL-INTERNET**

31. jinnota li huwa importanti għall-partijiet interessati kollha li jiġu żgurati s-sigurtà u l-integrità tal-infrastruttura u l-kontenut tal-Internet peress li dan sar parti fundamentali tal-ekonomija, l-amministrazzjoni u l-ħajja privata;

32. jinnota li bl-għadd dejjem akbar ta' utenti tal-Internet u l-emerġenza ta' teknoloġiji ġodda jiżdiedu wkoll il-każijiet ta' abbuż u t-telf assoċjat miegħu u li anke l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Istati Membri, li jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà tal-Internet, għandhom infrastruttura tal-Internet żviluppata ħafna u huma viżibbli ħafna fis-soċjetà, sikwit jisfaw vittmi ta' attakki fuq l-Internet;

33. jiddispjaċih li sikwit jitwettqu reati kriminali permezz tat-teknoloġiji ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, li jikkontribwixxu biex jitlaqqgħu l-individwi u jiġu aċċellerati l-iskambju tal-informazzjoni, l-esperjenza u l-aħbarijiet; għaldaqstant jitlob lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali biex jiġġieldu ċ-ċiberkriminalità b'kull mod possibbli u, flimkien ma' partijiet interessati oħra, joħolqu ambjent fejn iċ-ċiberkriminalità mhijiex tollerata;

34. jinnota li l-mezzi elettroniċi joffru wkoll il-possibbiltà biex jitwettqu attivitajiet oħra – sikwit b'mod anonimu – li għalkemm mhux dejjem ikunu kriminali, jew ma jiġux kategorizzati bħala tali, jagħmlu ħsara lid-dinjità tal-bniedem ta' individwi oħra; għaldaqstant jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tal-bullying fuq l-Internet u riskji oħra li jista' jkun hemm fuq l-Internet li, b'mod partikolari, jaffettwaw id-drittijiet tat-tfal u ż-żgħażagħ u gruppi soċjali vulnerabbli oħra;

35. għaldaqstant jenfasizza li l-Internet jista' jkun ta' suċċess biss jekk tiġi ċċarata l-kwistjoni tas-sigurtà tiegħu u jappoġġja t-tħassib tal-Kummissjoni espress minn Neelie Kroes sabiex jiġi żgurat li l-UE toffri l-aktar ambjent sigur fuq l-Internet fid-dinja ([9]); jitlob lill-Kummissjoni sabiex fl-istess ħin tiddiskuti kwistjonijiet relatati mal-governanza tal-Internet u l-problema tas-sigurtà tal-Internet;

36. jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni tal-Istati Membri kollha u l-imsieħba esterni sabiex tiġi miġġielda ċ-ċiberkriminalità u jiġu solvuti l-problemi tas-sigurtà tan-netwerk u tal-informazzjoni, inkluża l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet bikrija ([10]) u l-inklużjoni ta' dawn il-miżuri fl-istrateġija komuni tal-UE dwar il-governanza tal-Internet;

37. jenfasizza li fil-livell tal-Istati Membri jinħtieġu miżuri nazzjonali effettivi għall-identifikazzjoni ta' każijiet ta' ksur fl-Internet kif ukoll mekkaniżmi ta' appoġġ Ewropej għall-eliminazzjoni ta' riskji bħal dawn;

([9]) Stqarrija ta' N. Kroes tat-13 ta' April 2014 wara l-votazzjoni dwar id-Direttiva dwar iċ-ċibersigurtà fil-Parlament Ewropew. Great news for cyber security in the EU: The EP successfully votes through the Network Information Security (NIS) directive, European Commission [Aħbar tajba għaċ-ċibersigurtà fl-UE: il-PE jivvota favur id-Direttiva dwar iċ-Ċibersigurtà] – STATEMENT/14/68, 2014 03 13, http://europa.eu/rapid/press-release_STATEMENT-14-68_en.htm

([10]) Pereżempju, ara l-Proposta għal Direttiva dwar miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni, COM(2013) 48 final.

38. jinnota li b'referenza għal wieħed mid-drittijiet tal-bniedem, id-dritt għall-privatezza, l-istrateġija għal governanza dinjija tal-Internet għandha tagħti attenzjoni dovuta lill-ħtieġa ta' regolament internazzjonali għat-talba, l-użu u l-ħżin ta' data personali, il-protezzjoni ta' din l-informazzjoni kontra żvelar mhux intenzjonat u illegali, kif ukoll it-telf, l-iskambju u t-tħassir tad-data personali maħżuna f'bażijiet tad-data elettroniċi. Il-prattiki tajba f'dan il-qasam jistgħu jkunu bbażati fuq il-leġislazzjoni eżistenti tal-UE ([11]);

39. jirrakkomanda li l-UE tistabbilixxi pożizzjoni ċara dwar l-użu tad-data personali fuq l-Internet u tirrappreżentaha fil-livell internazzjonali. Din il-pożizzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju li l-individwi għandu jkollhom l-opportunità jiddeċiedu x'informazzjoni jridu jaqsmu u, fid-dawl tan-natura globali tal-Internet u l-possibbiltajiet konsiderevoli ta' abbuż, għandha tirrikjedi li l-użu ta' kwalunkwe data personali onlajn ikun ristrett u permess biss għal skopijiet konkreti, magħrufin minn qabel u definiti b'mod ċar;

40. jinnota li l-kumpaniji l-kbar tal-IT sikwit jabbużaw il-poter strutturali tagħhom, billi jiġbru u jużaw b'mod illegali data personali tal-utenti kemm għal finijiet kummerċjali kif ukoll politiċi; jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li abbużi bħal dawn jiġu evitati madwar id-dinja;

41. jenfasizza wkoll li meta tiġi analizzata r-responsabbiltà għall-kriminalità relatata mal-użu tal-Internet, huwa importanti ħafna li jiġi stabbilit il-prinċipju li l-provvedituri tas-servizz tal-Internet ma jistgħux jinżammu responsabbli għall-kontenut li ma jkunux ħolqu huma stess, iżda li din ir-responsabbiltà limitata ma tintużax bħala raġuni biex jiġu rifjutati talbiet legali għall-kooperazzjoni mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, fejn ikunu jeżistu sanzjonijiet ġuridiċi adatti;

42. jenfasizza li l-UE għandha rwol pijunier fil-qasam tal-istrutturi emerġenti tal-governanza tal-Internet, bħal f'ħafna oqsma oħra, u għalhekk tista' u għandha sservi ta' mudell għal kultura globali ta' użu u governanza responsabbli tal-Internet, u b'hekk tgħin biex tinbena kultura globali tal-Internet.

Brussell, 4 ta' Diċembru 2014.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*

Michel LEBRUN

([11]) Ara r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data.